REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/34

tal-15 ta' Jannar 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 39, l-Istandards Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju 7 u 9

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 [2] ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja ppubblika r-rapport "Reforming Major Interest Rate Benchmarks", li stabbilixxa rakkomandazzjonijiet biex jissaħħu l-parametri referenzjarji eżistenti u rati ta' referenza potenzjali oħra bbażati fuq is-swieq interbankarji u biex jiġu żviluppati rati ta' referenza alternattivi kważi mingħajr riskju.

(3) Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] introduċa qafas komuni biex tiġi żgurata l-akkuratezza u l-integrità tal-indiċijiet użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji, jew biex titkejjel il-prestazzjoni tal-fondi tal-investimenti fl-Unjoni.

(4) Fis-26 ta' Settembru 2019, il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità ppubblika r-Riforma tal-Parametru Referenzjarju tal-Imgħax (Emendi għall-IFRS 9, IAS 39 u l-IFRS 7) sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tar-rappurtar finanzjarji tar-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax fil-perjodu qabel is-sostituzzjoni ta' parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax eżistenti b'rata ta' referenza alternattiva.

(5) L-emendi jipprovdu eżenzjonijiet temporanji u limitati għar-rekwiżiti tal-kontabilità għall-iħħeġġjar skont l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl* u l-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 9 *Strumenti Finanzjarji* sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti jekk il-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax eżistenti ma jiġux alterati minħabba r-riforma tar-rata interbankarja offruta.

(6) Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-emendi għall-IAS 39 *Strumenti Finanzjarji:: Rikonoxximent u Kejl,* IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar* u IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji* jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(7) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità,

---

[1] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320 29.11.2008, p. 1).

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Standard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl* huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(b) l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(c) l-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1 sa mhux aktar tard mid-data li fiha tibda l-ewwel sena finanzjarja tagħha, fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Riforma tal-Valur Referenzjarju tar-Rata tal-Imgħax

Emendi għall-IFRS 9, IAS 39 u IFRS 7

Emendi għall-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji*

Jiżdiedu l-paragrafi 6.8.1–6.8.12 u 7.1.8. Tiżdied intestatura ġdida qabel il-paragrafu 6.8.1. Jiżdiedu subintestaturi ġodda qabel il-paragrafi 6.8.4, 6.8.5, 6.8.6, 6.8.7 u 6.8.9. Il-paragrafu 7.2.26 huwa emendat.

Kapitolu 6 Kontabbiltà għall-iħħeġġjar

...

6.8 EĊĊEZZJONIJIET TEMPORANJI MILL-APPLIKAZZJONI TA' REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TA' KONTABBILTÀ GĦALL-IĦĦEĠĠJAR

6.8.1. Entità għandha tapplika l-paragrafi 6.8.4–6.8.12 u l-paragrafi 7.1.8 u 7.2.26(d) għar-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar kollha direttament affettwati mir-riforma tal-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax. Dawn il-paragrafi japplikaw biss għal tali relazzjonijiet tal-iħħeġġjar. Relazzjoni tal-iħħeġġjar tiġi affettwata direttament mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax biss jekk ir-riforma tagħti lok għal inċertezzi dwar:

(a) il-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax (speċifikat b'kuntratt jew mingħajr kuntratt) indikat bħala riskju iħħeġġjat: u/jew

(b) il-ħin jew l-ammont ta' flussi ta' flus kontanti bbażati fuq parametru referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat jew tal-istrument għall-iħħeġġjar.

6.8.2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 6.8.4–6.8.12, it-terminu "riforma ta' parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax" jirreferi għar-riforma fis-suq kollu ta' parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax, inkluża s-sostituzzjoni ta' parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax b'parametru referenzjarju alternattiva bħal dik li tirriżulta mir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja ta' Lulju 2014 "Reforming Major Interest Rate Benchmarks" ([1]).

6.8.3. Il-paragrafi 6.8.4–6.8.12 jipprovdu eċċezzjonijiet biss għar-rekwiżiti speċifikati f'dawn il-paragrafi. Entità għandha tkompli tapplika r-rekwiżiti l-oħra kollha tal-kontabilità għall-iħħeġġjar għar-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar affettwati direttament mir-riforma tal-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax.

Rekwiżit ferm probabbli għal ħeġġijiet tal-flussi tal-flus

6.8.4. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk tranżazzjoni ta' tbassir (jew komponent tagħha) hijiex probabbli ħafna kif meħtieġ mill-paragrafu 6.3.3, entità għandha tassumi li l-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flus iħħeġġjati (kuntrattwalment speċifikati jew mhux speċifikati b'mod kuntrattwali) ma jinbidlux b'riżultat ta' riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.

Riklassifikazzjoni tal-ammont akkumulat fir-riżerva tal-ħeġġ tal-flussi tal-flus

6.8.5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżit fil-paragrafu 6.5.12 sabiex jiġi ddeterminat jekk il-flussi tal-flus futuri ħħeġġjati humiex mistennija li jseħħu, entità għandha tassumi li l-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flus iħħeġġjati (kuntrattwalment speċifikati jew mhux speċifikati b'mod kuntrattwali) ma jinbidlux b'riżultat ta' riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.

Valutazzjoni tar-relazzjoni ekonomika bejn l-oġġett iħħeġġjat u l-istrument għall-iħħeġġjar

6.8.6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżit fil-paragrafi 6.4.1(c)(i) u B6.4.4–B6.4.6, entità għandha tassumi li l-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flus iħħeġġjati u/jew ir-riskju ħħeġġjat (kuntrattwalment speċifikati jew mhux speċifikati b'mod kuntrattwali), jew il-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flussi ta' flus tal-istrument għall-iħħeġġjar, ma jinbidlux b'riżultat ta' riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.

([1]) Ir-rapport, "Reforming Major Interest Rate Benchmarks", huwa disponibbli fuq http://www.fsb.org/wp-content/uploads/r_140722.pdf.

Dežinjazzjoni ta' komponent ta' oġġett bħala oġġett iħħeġġjat

6.8.7. Sakemm il-paragrafu 6.8.8 ma japplikax, għal ħeġġ ta' komponent ta' parametru referenzjarju ta' riskju tar-rata tal-imgħax li ma jkunx speċifikat b'kuntratt, entità għandha tapplika r-rekwiżit fil-paragrafi 6.3.7(a) u B6.3.8—li l-komponent tar-riskju għandu jkun identifikat separatament—biss fil-bidu tar-relazzjoni tal-iħħeġġjar.

6.8.8. Meta entità, konsistenti mad-dokumentazzjoni tal-ħeġġ tagħha, ta' spiss tirrisettja (jiġifieri twaqqaf u terġa' tibda) relazzjoni tal-iħħeġġjar minħabba li kemm l-istrument għall-iħħeġġjar kif ukoll l-oġġett iħħeġġjat jinbidlu b'mod frekwenti (jiġifieri l-entità tuża proċess dinamiku li fih kemm l-oġġetti ħħeġġjati kif ukoll l-istrumenti għall-iħħeġġjar użati biex timmaniġġja dik l-iskopertura ma jibqgħux l-istess għal żmien twil), l-entità għandha tapplika r-rekwiżit fil-paragrafi 6.3.7(a) u B6.3.8—li l-komponent ta' riskju huwa identifikabbli separatament—biss meta tiddeżinja oġġett iħħeġġjat f'dik ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar. Oġġett iħħeġġjat li jkun ġie vvalutat fiż-żmien tad-dežinjazzjoni inizjali tiegħu fir-relazzjoni tal-iħħeġġjar, sew jekk kien fiż-żmien tal-bidu tal-ħeġġ jew sussegwentement, ma jiġix ivvalutat mill-ġdid fi kwalunkwe dežinjazzjoni mill-ġdid sussegwenti fl-istess relazzjoni tal-iħħeġġjar.

It-tmiem tal-applikazzjoni

6.8.9. Entità għandha tieqaf tapplika prospettivament il-paragrafu 6.8.4 għal oġġett iħħeġġjat fl-iktar mument kmieni possibbli:

(a) meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat; kif ukoll

(b) meta r-relazzjoni tal-iħħeġġjar li l-entrata ħħeġġjata tkun parti minnha titwaqqaf

6.8.10. Entità għandha tieqaf tapplika prospettivament il-paragrafu 6.8.5 fl-iktar mument kmieni possibbli:

(a) meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus kontanti futuri bbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat; kif ukoll

(b) meta l-ammont kollu akkumulat fir-riżerva tal-ħeġġ tal-flussi tal-flus fir-rigward ta' dik ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar li ma tkunx tkompliet ikun ġie riklassifikat għal profitt jew telf

6.8.11. Entità għandha tieqaf tapplika prospettivament il-paragrafu 6.8.6:

(a) għal oġġett iħħeġġjat, meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward tar-riskju ħħeġġjat jew taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat; kif ukoll

(b) għal strument għall-iħħeġġjar meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-istrument għall-iħħeġġjar;

Jekk ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar li l-oġġett iħħeġġjat u l-istrument għall-iħħeġġjar ikunu parti minnha titwaqqaf qabel id-data speċifikata fil-paragrafu 6.8.11(a) jew id-data speċifikata fil-paragrafu 6.8.11(b), l-entità għandha tieqaf prospettivament milli tapplika l-paragrafu 6.8.6 għal dik ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar fid-data li titwaqqaf.

6.8.12. Meta tkun qed tiddeżinja grupp ta' oġġetti bħala oġġett iħħeġġjat jew kombinazzjoni ta' strument finanzjarji bħala l-istrument għall-iħħeġġjar, entità għandha tieqaf prospettivament tapplika l-paragrafi 6.8.4–6.8.6 għal oġġett individwali jew strument finanzjarju skont il-paragrafi 6.8.9, 6.8.10, jew 6.8.11, kif rilevanti, meta l-inċertezza li tirriżulta minn riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward tar-riskju ħħeġġjat u/jew l-iskeda ta' żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax ta' dak l-oġġett jew strument finanzjarju.

Kapitolu 7 Data effettiva u tranżizzjoni

7.1 DATA EFFETTIVA

...

7.1.8. *Interest Rate Benchmark Reform*, li emenda l-IFRS 9, l-IAS 39 u l-IFRS 7, maħruġ f'Settembru 2019, żied it-Taqsima 6.8 u emenda l-paragrafu 7.2.26. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar 2020. Hija permessa applikazzjoni aktar bikrija. Jekk entità tapplika dawn l-emendi għal perjodu preċedenti, din għandha tiddivulga dan il-fatt.

7.2 TRANŻIZZJONI

...

Tranżizzjoni għal kontabbiltà għall-iħħeġġjar (Kapitolu 6)

...

7.2.26. Bħala eċċezzjoni għall-applikazzjoni prospettiva tar-rekwiżiti ta' kontabbiltà għall-iħħeġġjar ta' dan l-Istandard, entità:

...

(d) għandha tapplika r-rekwiżiti fit-Taqsima 6.8 retrospettivament. Din l-applikazzjoni retrospettiva tapplika biss għal dawk ir-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar li kienu jeżistu fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar li fih entità tapplika dawk ir-rekwiżiti għall-ewwel darba jew li kienu ddeżinjati wara, u għall-ammont akkumulat fir-riżerva tal-ħeġġ tal-flussi tal-flus li kienet teżisti fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar li fih entità tapplika dawk ir-rekwiżiti għall-ewwel darba.

Emendi għall-IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl*

Jiżdiedu l-paragrafi 102 A–102N u 108G. Tiżdied intestatura qabel il-paragrafu 102 A. Jiżdiedu subintestaturi ġodda qabel il-paragrafi 102D, 102E, 102F, 102H u 102J.

IĦĦEĠĠJAR

...

Eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi ta' kontabbiltà għall-iħħeġġjar

102A Entità għandha tapplika l-paragrafi 102D–102N u 108G għar-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar affettwati direttament mir-riforma tal-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax. Dawn il-paragrafi japplikaw biss għal tali relazzjonijiet tal-iħħeġġjar. Relazzjoni tal-iħħeġġjar tiġi affettwata direttament mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax biss jekk ir-riforma tagħti lok għal inċertezzi dwar:

(a) il-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax (kuntrattwalment speċifikament jew mhux speċifikat b'kuntratt) indikat bħala riskju iħħeġġjat: u/jew

(b) il-ħin jew l-ammont ta' flussi ta' flus kontanti bbażati fuq parametru referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat jew tal-istrument għall-iħħeġġjar.

102B Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 102D–102N, it-terminu "riforma ta' parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax" jirreferi għal riforma fis-suq kollu ta' parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax, inkluża s-sostituzzjoni ta' parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax b'parametru referenzjarju alternattiv bħal dik li tirriżulta mir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport tal-Bord għall-Istabbilità Finanzjarja ta' Lulju 2014 "Reforming Major Interest Rate Benchmarks" ([2]).

102C Il-paragrafi 102D–102N jipprovdu eċċezzjonijiet biss għar-rekwiżiti speċifikati f'dawn il-paragrafi. Entità għandha tkompli tapplika r-rekwiżiti l-oħra kollha tal-kontabilità tal-ħeġġ għar-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar affettwati direttament mir-riforma tal-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax.

Rekwiżit ferm probabbli għal ħeġġijiet tal-flussi tal-flus

102D Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżit fil-paragrafu 88(c) li tranżazzjoni prevista għandha tkun probabbli ħafna, entità għandha tassumi li l-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flus iħħeġġjati (kuntrattwalment speċifikati jew mhux speċifikati b'mod kuntrattwali) ma jinbidilx b'riżultat ta' riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.

Riklassifikazzjoni tal-qligħ jew telf kumulattiv rikonoxxut f'introjtu ieħor komprensiv

([2]) Ir-rapport, "Reforming Major Interest Rate Benchmarks", huwa disponibbli fuq http://www.fsb.org/wp-content/uploads/r_140722.pdf.

102E Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżit fil-paragrafu 101(c) sabiex jiġi ddeterminat jekk it-tranżazzjoni prevista ma tkunx aktar mistennija li sseħħ, entità għandha tassumi li l-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flus iħħeġġjati (kuntrattwalment speċifikati jew mhux speċifikati b'mod kuntrattwali) ma jinbidlux b'riżultat ta' riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.

Valutazzjoni tal-effettività

102F Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżit fil-paragrafi 88(b) u AG105(a), entità għandha tassumi li l-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flus iħħeġġjati u/jew ir-riskju ħħeġġjat (kuntrattwalment speċifikati jew mhux speċifikati b'mod kuntrattwali), jew il-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax li fuqu huma bbażati l-flussi ta' flussi tal-istrument għall-iħħeġġjar, ma jinbidilx b'riżultat ta' riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.

102G Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżit fil-paragrafu 88(e), entità mhix meħtieġa li twaqqaf relazzjoni tal-iħħeġġjar minħabba li r-riżultati attwali tal-ħeġġ ma jissodisfawx ir-rekwiżiti fil-paragrafu AG105(b). Biex jiġi evitat kull dubju, entità għandha tapplika l-kundizzjonijiet l-oħra fil-paragrafu 88, inkluża l-valutazzjoni prospettiva fil-paragrafu 88(b), biex tivvaluta jekk ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar għandhiex titwaqqaf.

L-għażla ta' oġġetti finanzjarji bħala oġġetti ħħeġġjati

102H Sakemm il-paragrafu 102I ma japplikax, għal ħeġġ ta' komponent ta' parametru referenzjarju ta' riskju tar-rata tal-imgħax mhux speċifikat b'kuntratt, entità għandha tapplika r-rekwiżit fil-paragrafi 81 u AG99F—li l-porzjon dežinjat għandu jkun identifikabbli separatament—biss fil-bidu tar-relazzjoni tal-iħħeġġjar.

102I Meta entità, konsistenti mad-dokumentazzjoni tal-ħeġġ, ta' spiss tirrisettja (jiġifieri twaqqaf u terġa' tibda) relazzjoni tal-iħħeġġjar minħabba li kemm l-istrument għall-iħħeġġjar kif ukoll l-oġġett iħħeġġjat jinbidlu b'mod frekwenti (jiġifieri l-entità tuża proċess dinamiku li fih kemm l-oġġetti ħħeġġjati kif ukoll l-istrumenti għall-iħħeġġjar użati biex timmaniġġja dik l-iskopertura ma jibqgħux l-istess għal żmien twil), l-entità għandha tapplika r-rekwiżit fil-paragrafi 81 u AG99F—li l-porzjon dežinjat huwa identifikabbli separatament—biss meta tiddežinja inizjalment oġġett iħħeġġjat f'dik ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar. Oġġett iħħeġġjat li jkun ġie vvalutat fiż-żmien tad-dežinjazzjoni inizjali tiegħu fir-relazzjoni tal-iħħeġġjar, sew jekk kien fiż-żmien tal-bidu tal-ħeġġ jew sussegwentement, ma jiġix ivvalutat mill-ġdid fi kwalunkwe dežinjazzjoni mill-ġdid sussegwenti fl-istess relazzjoni tal-iħħeġġjar.

It-tmiem tal-applikazzjoni

102J Entità għandha prospettivament tieqaf tapplika l-paragrafu 102D għal oġġett iħħeġġjat fl-iktar mument kmieni possibbli:

(a) meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat; kif ukoll

(b) meta r-relazzjoni tal-iħħeġġjar li l-oġġett iħħeġġjat ikun parti minnu titwaqqaf

102K Entità għandha tieqaf tapplika prospettivament il-paragrafu 102E fl-iktar mument kmieni possibbli:

(a) meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus futuri bbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat; kif ukoll

(b) meta l-qligħ jew it-telf totali kumulattiv f'introjtu komprensiv ieħor fir-rigward ta' dik ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar li ma tkomplietx ikun ġie riklassifikat għal profitt jew telf

102L Entità għandha tieqaf tapplika prospettivament il-paragrafu 102F:

(a) għal oġġett iħħeġġjat, meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward tar-riskju ħħeġġjat jew taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat; kif ukoll

(b) għal strument għall-iħħeġġjar meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward taż-żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-istrument għall-iħħeġġjar;

Jekk ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar li l-oġġett iħħeġġjat u l-istrument għall-iħħeġġjar ikunu parti minnha titwaqqaf qabel id-data speċifikata fil-paragrafu 102L(a) jew id-data speċifikata fil-paragrafu 102L(b), l-entità għandha tieqaf prospettivament milli tapplika l-paragrafu 102F għal dik ir-relazzjoni tal-iħħeġġjar fid-data li titwaqqaf.

102M Entità għandha tieqaf tapplika prospettivament il-paragrafu 102G għal relazzjoni tal-iħħeġġjar fl-iktar kmieni possibbli:

(a) meta l-inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward tar-riskju ħħeġġjat u tal-iskeda ta' żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq il-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax tal-oġġett iħħeġġjat; kif ukoll

(b) meta r-relazzjoni tal-iħħeġġjar li għaliha tiġi applikata l-eċċezzjoni titwaqqaf.

102N Meta tkun qed tiddeżinja grupp ta' oġġetti bħala oġġett iħħeġġjat jew kombinazzjoni ta' strumenti finanzjarji bħala l-istrument għall-iħħeġġjar, entità għandha tieqaf prospettivament tapplika l-paragrafi 102D–102G għal oġġett individwali jew strument finanzjarju skont il-paragrafi 102J, 102K, 102L, jew 102M, kif rilevanti, meta l-inċertezza li tirriżulta minn riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għadha preżenti fir-rigward tar-riskju ħħeġġjat u/jew l-iskeda ta' żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq parametri referenzjarji ta' dak l-oġġett jew strument finanzjarju.

DATA U TRANŻIZZJONI EFFETTIVI

...

108G *Interest Rate Benchmark Reform*, li emenda l-IFRS 9, l-IAS 39 u l-IFRS 7, maħruġ f'Settembru 2019, żied il-paragrafi 102 A–102N. Entità għandha tapplika dawn l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar 2020. Hija permessa applikazzjoni aktar bikrija. Jekk entità tapplika dawn l-emendi għal perjodu preċedenti, din tiddivulga dan il-fatt. Entità għandha tapplika dawn l-emendi retrospettivament għal dawk ir-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar li kienu jeżistu fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar li fih entità tapplika dawn l-emendi għall-ewwel darba jew li kienu ddeżinjati wara, u għall-qligħ jew telf rikonoxxut f'introjtu komprensiv ieħor li kien jeżisti fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar li fih entità tapplika dawn l-emendi għall-ewwel darba.

Emendi għall- IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar*

Jiżdiedu l-paragrafi 24H u 44DE–44DF u tiżdied subintestatura qabel il-paragrafu 24H.

KONTABILITÀ GĦALL-IĦĦEĠĠJAR

...

Inċertezza li tirriżulta mir-riforma tal-parametri referenzjarji tar-rata tal-imgħax

24H Għal relazzjonijiet tal-iħħeġġjar li għalihom entità tapplika l-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 6.8.4–6.8.12 tal-IFRS 9 jew il-paragrafi 102D–102N tal-IAS 39, entità għandha tiżvela:

(a) il-parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax sinifikanti li għalihom huma esposti r-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar tal-entità;

(b) il-livell tal-esponiment għar-riskju li l-entità timmaniġġja li huwa direttament affettwat mir-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax;

(c) kif l-entità qed timmaniġġja l-proċess biex issir tranżizzjoni għal rati alternattivi ta' parametri referenzjarji;

(d) deskrizzjoni ta' suppożizzjonijiet jew ġudizzji sinifikanti li l-entità għamlet fl-applikazzjoni ta' dawn il-paragrafi (pereżempju, suppożizzjonijiet jew ġudizzji dwar meta l-inċertezza li tirriżulta minn riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax ma tkunx għada preżenti fir-rigward tal-iskeda ta' żmien u l-ammont tal-flussi ta' flus ibbażati fuq parametri referenzjarju tar-rata tal-imgħax); kif ukoll

(e) l-ammont nominali tal-istrumenti għall-iħħeġġjar f'dawk ir-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar.

DATA U TRANŻIZZJONI EFFETTIVI

...

44DE *Interest Rate Benchmark Reform*, li emenda l-IFRS 9, l-IAS 39 u l-IFRS 7, maħruġ f'Settembru 2019, żied il-paragrafi 24H u 44DF. Entità għandha tapplika dawn l-emendi meta tapplika l-emendi għall-IFRS 9 jew l-IAS 39.

44DF Fil-perjodu ta' rapportar li fih entità tapplika *Interest Rate Benchmark Reform* l-ewwel darba, maħruġa f'Settembru 2019, entità mhix meħtieġa tippreżenta l-informazzjoni kwantitattiva meħtieġa mill-paragrafu 28(f) tal-IAS 8 Politiki ta' Kontabbiltà, Bidliet fl-Istimi ta' Kontabbiltà u Żbalji.